MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 632/2014

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Hassinen Jutta Kartia [ID. Nru. 52139A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' Settembru 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' erba' mija disgha u ghoxrin euro u tlieta u sittin centezmi ta' euro [€429.63c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u disgha u ghoxrin ewro u tlieta u sittin centezmi (€429.63) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40187897 moghtija mis-

socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet nterpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra t-talba maghmula mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tad-29 ta' April, 2015, fejn hija ddikjarat li l-indirizz msemmi fit-Talba kien l-ahhar indirizz li kellha u ghalhekk talbet li tigi dikjarata bhala valida n-notifika tal-intimat skont ma hemm mahsub fl-artikolu 187 tal-Kapitolu 12, liema talba intlaqet mit-Tribunal.

Ra li konsegwentement l-intimat gie debitament notifikat skond il-ligi.

Semgha x-xhieda ta' Charmaine Wiffen rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Ingrid Zammit Young iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' erba' mija disgha u ghoxrin euro u tlieta u sittin centezmi ta' euro [€429.63c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40187897.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat skond il-ligi u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' erba' mija disgha u ghoxrin euro u tlieta u sittin centezmi ta' euro [€429.63c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-28 ta' Jannar, 2014, data tal-prezentata tal-ittra ufficjali, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali, huma a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------